MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tas-6 ta' April, 2009

Numru. 329/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Ivan Cilia)**

**vs**

**Carmela Zammit**

**Il-Qorti,**

**Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Carmela Zammit ta’ 44 sena bint Costantino Zammit u Aida nee Brown imwielda Paola nhar it-22**

**ta’ Settembru 1964 residenti Numru 9 Salini Park, Triq il-Kappella tal-Lunzjata Salini bil-karta tal-identita 471764 (M)**

**Akkużata talli**

**a) f’Diċembru 2008 u fix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gżejjer b’diversi att maghmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u ġew maghmula b’riżoluzzjoni wahda:**

**1 approprijat billi dawret bi profit ghaliha jew ghal persuni ohra s-somma ta’ aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin ċenteżmu (€2329.37) ghad-dannu ta’ diversi persuni liema somma ġiet fdata jew ikkunsinnata lilha taht it-titolu illi jġib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haġa jew li jsir użu minnha speċifikat;**

**2. b’mezzi kontra l-Liġi jew billi ghamlet uzu ta’ ismijiet foloz jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b’qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b’ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz jew ta’ hila jew seta’ fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta’ iktar m inn 2329.37 Euro ghad-dannu ta’ diversi persuni;**

**3. U aktar talli fl-istess data, lokalitiajiet u ċirkostanzi rceviet jew accettat xi offerta jew weghda ta’ xi vantagg mhux xieraq ghaliha stess jew ghal h addiehor bil-ghan li tezercitaw xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fis-Sub Titolu (IV) tat-Titolu (III) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabiex igieghel lil dik il-persuna ohra tezercita dik l-influwenza sew jekk dak il-vantagg mhux xieraq ikun ghal dik il-persuna ohra jew ghal xi haddiehor.**

**4. U aktar talli fl-istess data, lokalitajiet u ċirkostanzi assoċjaw ruħhom ma’ xi persuna jew persuni oħra f’’Malta jew barra minn Malta bil-għan li tagħmel delitt f’Malta.**

**5. Akkuzata wkoll talli kisret il-kundizzjoni li biha kienet lliberata bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tliet snin u dan b’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fis-27 ta’ Ottubru 2006, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.**

**6. Akkuzata wkoll talli wettqet dan ir-reat fi zmien operattiv ta’ sentenzi sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fis-27 ta’ Novembru 2008**

**7. Ukoll talli Carmen Zammit saret ricediva ai termini ta’ l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, wara li giet kundannata b’diversi sentenzi mill-Qrati tal-Magistrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.**

**Il-Qorti kienet mitluba sabiex fil-kaz ta’ htija, tikkundanna lill-imputata ghal hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti jew periti fil-proceduri hekk kif kkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

**Rat l-atti kollha tal-kawża inkluż il-verbal dwar il-piena li sar bejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiża kif jidher a fol. 83 tal-proċess.**

**Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.**

**Rat li l-Avukat Ġenerali bagħat l-artikoli tiegħu fil-konfront tal-imputata.**

**Rat li l-imputata riedet li dan il-proċess jinstema' minn din il-Qorti**

**Rat li l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet dedotti kontra tagħha kemm fis-seduta tat-2 ta' Marzu, 2009 kif ukoll fis-seduta tas-6 t'April 2009 liema ammissjoni l-imputata kkonfermat wara li ngħatat ħin biżżejjed biex taħsibha.**

**Stante din l-ammissjoni l-imputazzjonijiet kontra din l-imputata ġew ippruvati skond il-Liġi.**

**Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 293, 294, 310, 18, 121A, 48A, 28B, 49, 50, 17, 31, 533 kollha tal-Kap 9 kif ukoll l-Artikoli 7, 21, 22, 23 u 24 tal-Kap 446 qed issib lill-imputata ħatja tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontriha. Dwar il-piena, il-Qorti qed tikkonsidra l-verbal li sar bejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiża, il-fatt li l-imputata ammettiet għalkemm mhux fi stadju bikri u tinġieb fis-seħħ is-sentenza ssopiża tas-27 ta' Novembru, 2008. Għalhekk qed tikundanna lill-imputata għal piena ta' priġunerija ta' sentejn u nofs.**

**Jekk saru xi spejjeż ta' esperti, allura l-Qorti qed tikkundanna lill-imputata tħallas dawn l-ispejjeż ukoll.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------